# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2006

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________________ **TOTAL:** ___ / **100** **marka**

**Klassi:** ________________

**A.** **Ħares lejn din l-istorja bl-istampi dwar David.**
**Wieġeb il-mistoqsijiet billi tagħmel sinjal (✓) ħdejn it-tweġiba t-tajba.**
**Ara l-eżempju.** **(12-il marka)**



**Eżempju:** **Wara min laħaq David sultan tal-Lhud?**

| | |
|---|---|
| Wara Salamun | |
| Wara Isaj | |
| Wara Sawl | ✓ |
| Wara Mattew | |

**1.** **Fejn kien joqgħod David meta kien żgħir?**

| | |
|---|---|
| Kien joqgħod Betlehem. | |
| Kien joqgħod Nażaret. | |
| Kien joqgħod Kana. | |
| Kien joqgħod Ġerusalem. | |

**2.** **X’kien xogħlu meta kien żgħir?**

| | |
|---|---|
| Kien sajjied. | |
| Kien mastrudaxxa. | |
| Kien ragħaj. | |
| Kien bidwi. | |

**3.** **Lil min qabbad Alla biex imur f’dar David u jidilku bħala sultan?**

| | |
|---|---|
| Alla qabbad lil Samwel. | |
| Alla qabbad lil Isaj. | |
| Alla qabbad lil Sawl. | |
| Alla qabbad lil Mattew. | |

4. **Għalfejn Sawl ried joqtol lil David?**

| | |
|---|---|
| Sawl ħaseb li David ried joqtlu. | |
| Sawl kien jgħir għal David. | |
| Sawl ried juri kemm kien b'saħħtu. | |
| Sawl ried joħodlu n-nagħaġ. | |

5. **Għaliex David sar mexxej kbir?**

| | |
|---|---|
| Kien jaf idoqq l-arpa. | |
| Qatel ġgant. | |
| Ħaddem sewwa l-ħiliet li tah Alla. | |
| Kiteb ħafna poeżiji. | |

6. **David qatel il-ġgant Gulija. Kif qatlu?**

| | |
|---|---|
| Tah il-velenu. | |
| Sparalu. | |
| Tefagħlu ċagħka bl-iżbandola. | |
| Laqtu bi vleġġa. | |

7. **X'kienu s-salmi li kiteb David?**

| | |
|---|---|
| Kienu ittri reliġjużi. | |
| Kienu stejjer reliġjużi. | |
| Kienu kotba reliġjużi. | |
| Kienu għanjiet f'għamla ta' poeżiji. | |

8. **X'għamel Alla biex jgħin lil David?**

| | |
|---|---|
| Faħħar lil David. | |
| Sejjaħlu kmieni. | |
| Tah ħafna aħwa. | |
| Tah l-Ispirtu s-Santu biex jibqa' miegħu. | |

9. **X'għamel David meta għaraf li kien dineb?**

| | |
|---|---|
| Ħarab. | |
| Talab ħniena u maħfra lil Alla. | |
| Staħba. | |
| Tela' fuq muntanja. | |

10. **Xi xtaq jibni David lil Alla?**

| | |
|---|---|
| Xtaq jibnilu sinagoga. | |
| Xtaq jibnilu monument. | |
| Xtaq jibnilu tempju kbir u sabiħ. | |
| Xtaq jibnilu torri. | |

**11. Għaliex David hu meqjus bħala sultan kbir?**

| | |
|---|---|
| Kien jobdi lil Alla. | |
| Kien ragħaj. | |
| Kien żagħżugħ. | |
| Kien idoqq l-arpa. | |

**12. X'wiegħed Alla lil David?**

| | |
|---|---|
| Kellu jkollu ħafna ġid. | |
| Min-nisel tiegħu kellu jitwieled il-Messija. | |
| Kellu jibni belt. | |
| Kellu jgħix għal ħafna snin. | |

**B. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxex.**
**Ara l-eżempju.** **(12-il marka)**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| siġar | iħobbna | vandaliżmu | | bnedmin | Missier | bżonnu |
| annimali | naħlu | frott | ***dinja** | Franġisk | ambjent | ġid |



**Eżempju**: Meta Alla ħalaq id-*<u>**dinja**</u>, ta l-affarijiet kollha li naraw lilna l-_______________ biex nindunaw kemm _______________ u biex inħobbuh bħala l-_______________ tajjeb tagħna.

Huwa tana s-siġar, il-ħxejjex u l-fjuri. Uħud mis-_______________ jagħtuna l-_______________, oħrajn tajbin għall-injam, jew karta, jew gomma. Oħrajn isebbħu l-_______________ fejn ngħixu. Tana l-ħut, it-tjur u l-_______________. Xi wħud minn dawn nikluhom, oħrajn jgħixu magħna u jwennsuna fid-dar.

Alla jrid li nużaw dan kollu għall-_______________tagħna u ta' l-oħrajn. Ma rridux naħlu. Dak li m'għandniex _______________ inħalluh għall-oħrajn jew għal dawk li ġejjin warajna. Meta nixtru affarijiet bla bżonn inkunu qegħdin_______________l-ġid li tana Alla stess.

Alla jridna nkomplu nsebbħu l-ambjent. Meta nagħmlu _______________ jew narmu skart kif ġie ġie ma nkunux nogħġbu lil Alla. Meta naqbdu l-friefet jew l-għasafar jew noqtlu l-ħlejjaq għal xejn ma nkunux qed insebbħu l-ħolqien kif irid Alla. San _______________ għallimna nħobbu lil Alla billi nieħdu ħsieb u nużaw tajjeb dak kollu li tana.

**Ċ. Aqta sing taħt il-kelma t-tajba.**
**Ara l-eżempju.** **(6 marki)**

**Eżempju:** "Dak li tagħmlu ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, tkunu qed tagħmluh (<u>miegħi</u> - ma' ħuti - magħkom infuskom - għall-ġid tagħkom)."



1. "Ħenjin dawk li jħennu għax huma jsibu (l-maħfra - l-ġid - l-ħniena - l-għerf).
2. Ngħinu lill-oħrajn fil-ħwejjeġ li jolqtu l-ġisem meta (nikkoreġu lil min jiżbalja - nżuru l-morda – nħajru lil xi ħadd imur iqerr - nitolbu għall-mejtin).
3. Biex ngħinu lill-oħrajn, għandna bżonn (ġugarelli - il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu - li nkunu bravi fl-iskola - li mmorru l-quddies kuljum).
4. Ħenjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu (l-ħbieb ta' – d-dixxipli ta' – s-suldati ta' – wlied) Alla.
5. Dawk li jmutu biex ma jiċħdux il-fidi tagħhom isejħulhom (martri - katekisti - djakni – missjunarji).
6. L-Ispirtu s-Santu hu (l-ewwel - t-tieni - t-tielet - r-raba') Persuna tat-Trinità Qaddisa.

**D. Agħmel sing taħt is-sitt kelmiet li hemm fil-kaxex u li għandhom x'jaqsmu mar-rakkont tal-Passjoni u l-mewt ta' Ġesù.** **(6 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Golgota | Figolli | Salib | kwareżimal |
| | | | |
| Suldati | 'Kollox hu mitmum' | Bajd ta' l-Għid | Demm u ilma |
| | | | |
| Il-Ġirja bl-irxoxt | Sponza bil-ħall | Karnival | qubbajt |
| | | | |

**E. Ikteb fiċ-ċrieki sitt kelmiet jew frażijiet qosra biex tiddeskrivi lill-Madonna.**
**Ara l-eżempju.** **(12–il marka)**



**F. Aqra din is-silta dwar l-Ispirtu s-Santu u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (16-il marka)**



Ġesù wiegħed lill-appostli li kellu jibagħtilhom l-Ispirtu s-Santu. Din il-wegħda seħħet nhar Pentekoste. L-appostli ħarġu jippriedkaw u talbu biex dawk li jaċċettaw kliemhom jirċievu huma wkoll l-istess Spirtu s-Santu. Dawk li kkonvertew ukoll irċevew l-Ispirtu s-Santu. Tikkonverti tfisser twarrab mid-dnub u ddur lejn Alla. Bħala sinjal tal-konverżjoni tagħhom, huma kienu jirċievu l-Magħmudija.



Aħna rċevejna l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija. Hu jgħinna nwarrbu dak li hu ħażin u nżommu qalbna bla dnub. Meta nibdew nikbru jkollna bżonn aktar qawwa biex nirbħu l-ħażen u għalhekk nirċievu s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. F'dan is-sagrament l-isqof jidilkilna moħħna biż-żejt u l-balzmu, u jgħidilna, "Ħu s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu."

Bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu nifhmu aħjar il-Kelma ta' Alla. Fil-Bibbja nsibu l-Kelma ta' Alla. Din inkitbet bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, u l-istess Spirtu s-Santu jgħin lill-Knisja biex tfissirha skond il-ħsieb tiegħu.

F'dawn iż-żewġ sagramenti li semmejna, l-Ispirtu s-Santu jidħol fina u jibdilna f'tempji tiegħu. Meta nitolbu, hu jkun magħna ħalli nitolbu kif imiss. Jekk inħallu l-Ispirtu s-Santu jaħdem fina nkunu verament xhieda ta' Ġesù, tant li n-nies jaraw fina ħbieb veri ta' Ġesù.

**Wieġeb fil-qosor.** **(marka kull waħda)**



1. Meta niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli?

   ________________________________________

2. Meta rċevejna l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba?

   ________________________________________

3. F'liema sagrament nerġgħu nirċevuh b'qawwa akbar? _________________________

4. Min ta l-għajnuna lil dawk li kitbu l-Bibbja? _________________________________

**Wieġeb f'sentenza.** **(2 marki kull waħda)**

5. X'wiegħed Ġesù lill-appostli? _____________________________________________

   ________________________________________________________________________

6. Xi tfisser 'tikkonverti'? ___________________________________________________

   ________________________________________________________________________

7. X'jgħidilna l-isqof fil-Griżma? _____________________________________________

   ________________________________________________________________________

8. X'isir fina fil-Magħmudija u l-Griżma? ______________________________

______________________________

9. Xi jfissru ż-żejt u l-balzmu fis-sagrament tal-Griżma? **(4 marki)**

______________________________

______________________________

______________________________

**Ġ. X'ġara lill-appostli nhar l-Għid il-Ħamsin.**
**Irrakkonta f'mhux anqas minn għoxrin kelma.**

**(4 marki)**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**G. Ikteb talba qasira lill-Ispirtu s-Santu.** **(4 marki)**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**GĦ. Qabbel billi tikteb in-numru.**
**Ara l-eżempju.** **(10 marki)**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | Parroċċa | | Għollieq jaqbad | | 7 | Bibbja | | Martri |
| 2 | Mosè | | Ħabbar lil Marija | | 8 | Sinaj | | Kelma ta' Alla |
| 3 | David | **1** | Kappillan | | 9 | San Ġustinu | | Liġijiet |
| 4 | Isaija | | Sultan | | 10 | Griżma ta' l-Isqof | | Muntanja |
| 5 | L-Anġlu Gabriel | | Assisi | | 11 | Kmandamenti | | Sagrament |
| 6 | San Franġisk | | Profeta | | | | | |

**H. Wieġeb dawn il-mistosijiet dwar Mosè.** **(18-il marka)**



1. Kemm huma l-Kmandamenti li Alla ta lil Mosè? __________________ (marka)

2. X' kien jisimha l-mara ta' Mosè? __________________ (marka)

3. X'jismu l-baħar li qasmu l-Lhud meta ħarġu mill-Eġittu? __________________ (marka)

4. Għaliex Mosè ħarab mill-Eġittu? ______________________________________________

______________________________________________________________________ (marka)

5. X'ried Alla minn Mosè? _____________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

6. Kif kien jgħin Alla lil-Lhud meta kienu fid-deżert? ____________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

7. X'għamlu l-Lhud biex l-aħħar kastig ta'l-Eġizzjani ma jiġix fuqhom ukoll?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

8. Liema hi l-akbar ġrajja fl-istorja tal-Lhud? ________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

9. X'ried juri Alla lil-Lhud meta ħariġhom mill-Eġittu? ____________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

10. X'kien il-Patt li Alla għamel mal-Lhud fis-Sinaj? ____________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)